# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 9 ta' Frar 2001.**

**Numru 4**

**Citaz. numru 1017/93 GCD**

**Saviour Farrugia, ufficjal inkarikat mis-sezzjoni arretrati, ghan-nom u in rapprezentanza tal-korporazzjoni *Tele-malta* ; u b'digriet tal-20 ta' Frar 1998 is-socjeta' *Maltacom p.l.c.* assumiet l-atti tal-kawza f'isimha.**

**vs**

**Margaret Vella ; u b'digriet ta' l-1 ta' Frar 1995 Joseph u Evelyn mizzewgin Vella gew kjamati fil-kawza.**

**Il-Qorti;**

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

Fit-13 ta' Novembru 1998, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ppronunzjat is-segwenti sentenza f'din il-kawza li biha cahdet it-talba tal-Korporazzjoni attrici.

"F'din il-kawza s-socjeta' attrici qeghda titlob il-hlas ta' erbat elef mitejn u disgha u sittin lira (Lm4,269) ghas-servizz tat-*telephone* bin-numru 242401 li qieghed fil-fond numru disgha u disghin (99), Triq Atocia, il-Hamrun.  Qeghda nitlob ukoll l-imghax u l-ispejjez gudizzjarji.

B'rikors tal-31 ta' Mejju 1994[1] is-socjeta' attrici talbet li jisseju fil-kawza Joseph u Evelyn Vella, ġenituri tal-konvenuta, u l-Qorti, b'digriet ta' l-1 ta' Frar 1995[2], laqghet it-talba.

L-imsejha fil-kawza ressqu l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni taht l-art. 2148 (a) u l-art. 2156(f) tal-Kodici Civili[3].

Il-konvenuta ma ressqitx l-eccezzjonijiet taghha fiz-zmien li taghtiha l-ligi, izda l-Qorti, b'digriet moghti fl-20 ta' Frar 1998[4], laqghet it-talba taghha biex tiggustifika l-kontumacja, u gedditilha z-zmien ghall-eccezzjonijiet.  Il-konvenuta imbaghad ressqet dawn l-eccezzjonijiet[5] :

1. il-konvenuta ma ghandhiex twiegeb ghat-talbiet tas-socjeta' attrici billi, kif qeghda tghid l-istess socjeta' attrici, it-*telephone* huwa tal-genituri taghha ;

2. it-talba ghall-hlas ghas-servizz tat-*telephone* waqghet bi preskrizzjoni taht l-art. 2156(f) tal-Kodici Civili, u t-talba ghall-hlas tal-kera ta' l-apparat waqghet bi preskrizzjoni taht l-art 2148(a) tal-Kodici Civili ; u

3. kien hemm difett fil-linja tat-*telephone.*

Nibdew qabel xejn billi nqisu l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni.

L-artikoli li fuqhom qeghdin jistriehu l-konvenuta u l-imsejha fil-kawza jghidu hekk "

> **2148.** L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar :
>
> (a) l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanija,

[1] Foll. 16 et.
[2] Fol 20.
[3] Fol. 23.
[4] Fol 89
[5] Fol 90.

ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu ;

**2156.** L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin :

(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.

Qabel ma naraw jekk dawn il-preskrizzjonijiet ighoddux ghall-kaz, naraw jekk ghalaqx iz-zmien. Is-socjeta' attrici qeghda titlob hlas ghall-kera ta' l-apparat mill-1 ta' Jannar 1990, u ghas-servizz mill-1 ta' Ottubru 1989, waqt li l-kawza nfethet fis-27 ta' Awissu 1993.

Il-konvenuta, izda, ghamlet hlassijiet akkont, l-ahhar wiehed, skond il-prospett imhejji mill-konvenuta stess[6], fil-11 ta' Novembru 1991. Dan il-hlas kiser il-preskrizzjoni, li ghalhekk regghet bdiet tghaddi mit-13 ta' Novembru 1991. Bejn it-12 ta' Novembru 1991 u s-27 ta' Awissu 1993 ma ghaddewx hames snin, u ghalhekk il-preskrizzjoni taht l-art. 2156, ukoll jekk din tghodd ghall-kaz, ma ghalqitx ; izda ghaddew aktar minn tmintax-il xahar u ghalhekk irridu naraw jekk l-art. 2148(a) jghoddx ghall-kaz tal-lum.

Fil-fehma tal-Qorti l-art. 2148(a) ma jghoddx ghall-kaz fejn il-kreditur ikun imprenditur bhal ma hi s-socjeta' attrici, hekk li l-prestazzjonijiet tieghu jkunu atti tal-kummerc. Dan qalitu l-Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, f'sentenza moghtija fit-18 ta' Mejju 1929 *in re* **Tommaso Pace nomine versus Salvatore Muscat**[7] :

…. …. …. la disposizione dell'articolo 1912 dell'Ordinanza N VII del 1868 (illum art. 2148 tal-Kodici Civili), secondo la quale si prescrivono col decorso di diciotto mesi le azioni dei sarti, calzolai, falegnami ed altre persone esercenti mestieri ed arti mecchaniche per prezzo delle loro opere, dei loro lavori e delle cose che somministrano, non e' applicabile a coloro che esercitano una impresa per il loro credito per le opere da loro eseguite e pei materiali da loro forniti …. ….. …. poiche' la disposizione dell'articolo 1902

[6] Fol 43
[7] Vol. XXVII-I-1013
[8] Vol XXXVIII-III-710

> si riferisce a crediti di artefici che prestano la lora opera (*opera)*… …. …..

L-istess qalet il-Qorti tal-Kummerc f'sentenza moghtija fl-14t a' Ottubru 1954 *in re* **Joseph Mizzi nomine versus Joseph Delicata proprio et nomine**[8] :

> …. ….. ….. skond l-art. 2253(a) (illum art. 2148(a)) tal-Kodici Civili, jaqghu bil-preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar "l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu"; …. ….. …. id-dispozizzjoni tal-ligi kontenuta fl-ittra (a) ta' l-imsemmi artikolu tal-Kodici Civili tirreferixxi ruhha ghal-lokazzjoni ta' opera, li biha l-persuni fuq enumerati jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux ghal-*locatio operis* li biha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix-xoghol, imma l-prodott tax-xoghol – meta l-lokazzjoni d'opera tkun konnessa ma' organizazzjoni ta' mezzi teknici li timprimi lil-lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali.

L-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni huma ghalhekk michuda.

It-tielet eccezzjoni tal-konvenuta, izda, li tghid li hemm difett fil-linja tat-*telephone*, sejra tintlaqa'. Ix-xhud Joseph Pace, li kien jahdem mas-socjeta' attrici, xehed li kien ghamel *tests* fuq il-*metering equipment* li jghodd in-numru u d-durata tal-*calls* u sab li dan l-apparat kien qieghed jaghti *reading* oghla milli kien jaghti li kieku kien qed jahdem sew[9]. Dan ifisser li l-kontijiet mahruga mis-socjeta' attrici ma humiex ta' min joqghod fuqhom, ifisser ukoll li lis-socjeta' attrici, li fuqha kien l-oneru tal-prova biex turi li l-konvenuta tassew ghandha taghti dak li hu mitlub minnha, ma sehhilhiex tipprova l-premessi tat-talba taghha.

Il-Qorti ghalhekk taqta' l-kawza billi, wara li tichad l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni, tichad ukoll it-talbiet tas-socjeta' attrici. L-ispejjez ta' l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni jhallsuhom il-

9 Ara x-xhieda ta' Joseph Pace fis-seduta tat-8 ta' Mejju 1999, foll. 72 et seqq.

> konvenuta u l-imsejha fil-kawza ; l-ispejjez l-ohra thallashom is-socjeta' attrici."

## AGGRAVJU

Il-Korporazzjoni attrici appellat minn din is-sentenza. Hi tikkontesta l-motivazzjoni tal-ewwel Qorti inkwantu ssostni li din kienet bazata fuq premessi zbaljati fosthom dik li l-oneru tal-prova li l-kontijiet rilaxxjati minnha ghall-uzu tas-servizz telefoniku kienu skorreti u kienu jinkombi fuqha. Il-konvenuta qatt ma qalet li ma kellha taghti xejn, izda dejjem ippretendiet li l-kont kien gholi. Il-fatt li rrizulta f'xi zmien li kien hemm difett mekkaniku fil-meter li jirregistra l-kjamati ma kellux iwassal ghal konkluzjoni illi l-ebda ammont ma kien dovut.

L-appellant nomine allura jissottometti illi kellu jigi ezaminat jekk meta gew effettwati dawn it-tests fuq il-metering equipment kienx hemm zball fil-kont telefoniku li kien rifless tad-difett fl-istess equipment u li kien prezenti fil-perjodu partikolari li ghalih is-socjeta' attrici talbet il-hlas minghand il-konvenuta ossija jekk il-pejodu tal-uzu tas-servizz telefoniku li ghalih qed jintalab hlas kienx l-istess wiehed li matulu l-metering equipment kien qieghed jiehu readings ghola milli suppost. Il-Korporazzjoni attrici ssostni li din il-prova kellha taghmilha l-konvenuta appellata.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

L-ewwel Qorti iddecidiet il-mertu bl-applikazzjoni tal-principju bazilari tad-dritt li "actore non probante reus absolvitur". Kien l-attur li kellu jipprova li dak li kien qed jitlob kien rejalment dovut. Fejn si tratta ta' hlas ta' servizz li ghalih wiehed jintrabat li jhallas rata determinata relatata mal-frekwenza tal-uzu ta' dak is-servizz, il-prova mhux biss tal-ammont dovut imma wkoll tal-frekwenza tal-uzu kienet tispetta lil min jippresta s-servizz u jippretendi l-hlas tieghu, f'dan il-kaz il-Korporazzjoni attrici. Din il-prova kellha tkun wahda certa, attendibbili u kredibbili u, sa fejn ragjonevolment u umanament possibbli preciza.

Din il-Qorti tifhem li kellu jigi accettat illi fit-tip ta' servizz bhal dak telefoniku taht ezami u servizzi tal-istess xorta fejn l-uzu u allura l-ghoti tas-servizz ikun frekwenti u ripetittiv, il-kejl tal-frekwenza tal-uzu kellu necessarjament isir mezzi mekkanici illum sofistikament komputerizzati. Dik il-prova kellha, bhala regola, tigi accettata bhala li tirrifletti r-rejalta' u ghandu jigi prezunt illi meta l-utent u min jipprovdi s-servizz jiftehmu li jigi stallat tali servizz, il-kalkolu li kellu jkun eventwalment dovut ghall-uzu tieghu kellu jkun dak li jirrizulta mir-registrazzjoni awtomatika, b'dawn il-mezzi llum iniversalment accettati. Presunzjoni din li naturalment hi kondizzjonata ghall-verifika li l-apparat uzat mill-Korporazzjoni li provdiet is-servizz ikun wiehed sewwa funzjonanti,

attendibbili u accertat li jaghti readings korretti. Jekk din il-presunzjoni tigi skossa b'mod li l-gjdukant ma jkunx jista' jibqa' iqis ir-registrazzjoni tal-uzu bhala wahda preciza u korretta, l-oneru tal-prova necessarjament jigi spostat ghal fuq min jippresta s-servizz. Ikun jispetta lil dan, li jkun assuma hu l-oneru tal-verifika tal-frekwenza tal-uzu, li jipproduci prova alternattiva, preciza u kredibbili ta' tali uzu. Is-sottomissjoni tal-Korporazzjoni appellanti li tali prova kienet tispetta lil, u tikkombi fuq l-utent tas-servizz hi ghal kollox insostenibbili u inacettabbili. Dan mhux biss ghaliex kien kjarament imposibbili ghal utent li jirriproduci tali prova negattiva li hu ma ghamilx uzu mis-servizz sal-grad preciz mill-Korporazzjoni attrici, mhux biss ghaliex ovvjament l-utent ma kellux, bhala regola, l-facilita' materjali biex jipproduci din il-prova, imma wkoll ghaliex jibqa' japplika f'dawn ic-cirkustanzi il-massima legali li l-prova "incubit ei qui dicit non ei qui negat". U l-petn tal-kwistjoni li jifforma l-mertu tal-prezenti istanza kien u baqa' l-allegazzjoni tal-Korporazzjoni appellanti illi l-appellati ghamlu uzu mis-servizz tal-linja telefonika li ghaliha kienu responsabbli fl-ammont ta' kjamati li ghalih hi kienet qeghda tippretendi pagament.

Mill-atti processwali jirrizulta li l-ewwel Qorti kienet altru minn sodisfatta illi l-meter li kien jirregistra l-kjamati in kwistjoni kien wiehed difettuz u dana b'mod serju. Kien car mix-xhieda tat-tekniku tal-Korporazzjoni li spezzjona l-meter, fuq l-insistenza tal-utenti tal-linja, illi d-difett ma kienx wiehed marginali, imma kien tali li jirrenda l-qari kollu tieghu erratiku ghal ahhar u allura inattendibbili. Xiehda din li kienet ukoll riflessa fil-

varjazzjonijiet kbar u inspegabbli, 'l fuq, minn kont ghall-iehor kontestati tempestivament mill-appellati. Skartata, kif kellha tigi, din il-prova u demolita' allura l-presunzjoni iuris tantum illi r-registrazzjoni awtomatika tal-kont inkwantu ma kienitx tirrispekkja il-verita', kien jispetta lill-Korporazzjoni attrici li tipprova tissodisfa lil ewwel Qorti li kienu jezistu u li setghu jigu prodotti provi alternattivi biex jistabbilixxu x'kellu jitqies li kien l-ammont li kien dovut mill-appellati jew min minnhom ghall-uzu tas-servizz telefoniku, rejalment maghmul fil-perjodu in kwistjoni. Dan l-esercizzju ta' prova ma setax jithalla f'idejn il-liberu arbitriju tal-gjudikant. F'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta ma kienx eskluz li l-Qorti tezercita certa diskrezzjoni biex tiddetermina jekk kienx jew le dovut xi hlas u kemm dan kellu jkun. Il-Qorti pero' setghat biss taghmel dan jekk jirrizultawlha elementi ta' prova certi u sufficjenti, biex jiddelinjaw il-parametri li fihom tali ezercizzu ta' diskrezzjoni seta' jigi gustament ezercitat. Ferm dejjem il-principju illi l-hlas ghal ghoti ta' servizz kellu jkun verament jirrifletti l-uzu li l-utent ikun ghamel minnu.

L-ewwel Qorti fl-apprezzament taghha tal-provi qieset illi l-Korporazzjoni appellanti ma waslitx biex tikkonvinciha f'dan ir-rigward u tnissel il-konvninciment illi hi ma kienx irnexxielha tipprova il-kaz taghha. Din il-Qorti ta' revizjoni ma jidhrilix li c-cirkustanzi kienu tali li kellha tiddisturba tali apprezzament li in ultima analizi jirrizulta kien sufragat mir-rizultanzi processwali.

> "Il-gudikant fil-kamp civili ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull

> tribunal ghandu jfittex u mhux fuq semplici possibilitajiet ; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet" (Eucharistiko Zammit vs E. Petrococchino – Appell – 25/2/52).

Fil-kaz taht ezami il-preponderanza tal-probabilitajiet, kif temergi mill-provi, ma setghatx ma kienitx l-incertezza assoluta u l-iskeditar tal-istrument o sia meter li bih il-Korporazzjoni appellanti rregistrat l-uzu tat-telefonati li ghaliha kienet tippretendi l-hlas u li fuqu kienet qed tibbaza t-talba taghha.

> "Fejn l-assjem tal-provi hu tali li l-verzjonijiet tal-kontendenti huma hekk bilancjati li kull wahda tista' tirrizulta plawsibbli u veritjera u ma tirrizultax dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra, ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu" (Joseph Vincent Rausi vs Joseph Muscat deciza mill-Prim'Awla fil-5/10/92).

Ghal dawn il-motivi, u ghall-motivi espressi mill-ewwel Qorti, l-appell qed jigi michud bis-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg' istanzi kontra l-Korporazzjoni appellanti.

Dep/Reg

mg